MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-13 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 62/2007/1

**Bugeja Patrick**

**vs**

**Bugeja Joseph**

Il-Bord.

Ra r-rikors promutur ta’ Patrick Bugeja li jghid hekk:

Illi r-rikorrent huwa proprjetarju tal-fond ossia Flat numru tnejn (2) formanti parti minn korp ta’ flats bla numru maghruf bl-isem ta’ ‘Gardenia Flats’ fi Sqaq Sir Hildebrand Oakes (gia Sqaq D’Argens numru 8), Gzira, Malta (Dokument PB 1), li jinsab mikri lill-intimat versu l-kera ta’ mija u erbghin lira Maltin (Lm140) fis-sena li tithallas kull tlett xhur permezz ta’ pagamenti ta’ hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) il-wiehed u bil-quddiem b’effett mid-9 t’Awissu 1991 skond skrittura tal-kera tal-25 ta’ Lulju 1991 – kopja tal-ftehim annessa u mmarkata Dok PB 2.

Illi l-intimat jinsab moruz fil-hlasijiet tal-kera ghall-iskadenzi mid-9 ta' Mejju 2001 sad-9 ta' Mejju 2006, u cioe' ghoxrin skadenza ta' hamsa u tletin liri Maltin (Lm35) il-wahda kull tlett xhur skond il-ftehim u minkejja li r-rikorrenti talab l-kera lill-intimat ghal diversi drabi kemm verbalment kif ukoll gie interpellat bil-miktub ghal dan il-hlas permezz ta' tlett ittri ufficjali tat-12 ta' Lulju 2005 (ittra numru 5969/05) 7 ta' Settembru 2005 (ittra numru 7427/05) u 19 ta' Gunju 2006 (ittra numru 3847/06) debitament innotifikati skond il-Ligi, l-intimat baqa' inadempjenti sal-lum (Dok PB 3, PB 4 u PB 5).

Illi barra minn hekk l-intimat ghamel hsara kbira fil-fond u wkoll mhuwiex juza l-fond ghall-skopijiet li ghalih kien gie lilu mikri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorrizah ghar-ragunijiet premessi sabiex ma jgeddidx il-kera wara l-iskadenza li jmiss u jirriprendi l-pussess tal-fond wara li jipprefiggi terminu qasir u perentorju li fih l-intimat ghandu jigi ordnat li jizgombra mill-fond.

Bl-ispejjes kollha kontra l-intimat. Bl-ingunzjoni tal-intimat ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek.

Ra illi l-intimat, debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni, baqa ma kkontestax dawn il-proceduri;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi r-rikorrent ikkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors promutur kif ukoll illi l-intimat baqa' moruz fil-hlas tal-kera dovuta nonostante it-talbiet li ghamillu l-istess rikorrent;

Illi r-rikorrent  ressaq ukoll il-prova li huwa sid il-kera permezz ta' kopja ta' skrittura appozita kif ukoll il-prova li saru t-talbiet ghal-hlas skond id-dispost tal-Kap 69;

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti timmerita li tkun milqugha u ghal dawn il-mottivi tilqa' t-talba u tawtorizza lir-rikorrent jirriprendi pussess tal-fond Flat numru tnejn (2) formanti parti minn korp ta' flats bla numru maghruf bl-isem ta' 'Gardenia Flats' fi Sqaq Sir Hildebrand Oakes (gia Sqaq D'Argens numru 8), Gzira, Malta fi zmien xahar (1) mill-lum u jordna lill-intimat jizgombra mill-fond mhux aktar tard mill-istess xahar prevvist.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------